**1 ta' Diċembru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Diana Gatt *et*

*versus*

Vincent Said

**Digriet - Digriet Kamerali - Digriet Interlokutorju - Artikolu 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**

*Il-Qorti rrevokat* contrario imperio *digriet tagħha għaliex messu jingħata waqt smigħ u bil-miftuħ kif jitlob l-artikolu 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fil-fatt ingħata kameralment.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ippreżentat fl-10 ta' Settembru, 1997 li permezz tiegħu l-konvenut, filwaqt li għamel referenza għad-digrieti ta' din il-Qorti tat-23 ta' Lulju, 1997 u tal-25 ta' Awissu, 1997, meta din il-Qorti kienet l-ewwel ċaħdet id-dritt tal-konvenut li jressaq eċċezzjoni oħra f'dan l-istadju tal-kawża u sussegwentement ċaħdet it-talba tal-konvenut li jinterponi appell mill-imsemmi digriet, il-konvenut talab li l-imsemmija digrieti jiġu revokati inkwantu, skond l-istess konvenut, dawn ma kinux konformi mal-provvedimenti ta' l-artikolu 229 (3) u (5) tal-Kap. 12;

Illi l-konvenut qed isostni li fl-għoti ta' l-imsemmija digrieti din il-Qorti ma segwwitx dak li tipprovdi l-liġi inkwantu ingħataw *in camera* u mhux bil-miftuħ, ma semgħetx lill-partijiet u ma tatx fid-dettal ir-raġunijiet li wassluha għad-deċiżjoni tagħha;

Ikkunsidrat:

Illi jkun utili għal aħjar intendiment ta' dan id-digriet li wieħed jagħti fil-qosor ħarsa lejn il-kronoloġija tal-proċeduri li jinsabu quddiem din il-Qorti:

Fit-12 ta' Frar, 1992, l-atturi, bħala koproprjetarji ta' territorju f'Binġemma, istitwew proċeduri kontra l-konvenut għall-iżgumbrament tiegħu mill-imsemmija art billi dan kien qed jokkupa l-istess art b'titolu prekarju stante li kienet ġiet mogħtija lilu għal kaċċa;

Il-konvenut eċċepixxa li l-atturi għandhom fl-ewwel lok jippruvaw it-titolu tagħhom u fin-nuqqas it-talba tiġi miċħuda, u inoltre jekk jirriżulta li hemm koproprjetarji oħra ta' l-istess art hu għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju minħabba karenza ta' interess ta' l-atturi. Fil-meritu l-konvenut sostna li huwa kien il-proprjetarju ta' l-art billi kien okkupaha *uti dominus* għal aktar minn erbgħin sena;

Ir-rapport peritali ta' Dr. Carmelo Vassallo u sussegwentement anke dak tal-periti addizzjonali, skarta l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut u sar suġġeriment li t-talbiet attriċi għandhom jiġu akkolti, b'riserva dwar kumpens li jista' *jitħallas lill-konvenut;*

Ir-rapport tal-periti addizzjonali ġie maħluf fl-udjenza tal-21 ta' Marzu, 1997 u l-kawża ġiet imħollija għat-trattazzjoni finali għall-udjenza ta' l-4 ta' Ġunju, 1997. F'dik id-data l-Qorti semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti u ddifferiet il-kawża għas-sentenza għas-seduta tas-6 ta' Ottubru, 1997;

Jumejn wara t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet il-konvenut ippreżenta rikors, flimkien ma' diversi dokumenti konsistenti f'riċevuti ta' pagamenti allegatament magħmula minnu, fejn, wara li hu spjega li għandu titolu ta' lokazzjoni fuq

l-art in kwistjoni, talab li din il-Qorti tawtorizzah jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri u għal dan il-fini tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza;

Din il-Qorti, wara li ħadet konjizzjoni tar-risposta ta' l-atturi, ta' l-atti tal-kawża u l-provvedimenti ta' l-artikolu 728 *et seq* tal-Kap. 12 deherilha li t-talba ma għandhiex tiġi milqugħa "billi mhux sodisfatta li kien hemm raġunijiet validi biex l-eċċezzjonijiet ulterjuri ma kinux mogħtija oriġinarjament";

*In effetti l-eċċezzjoni ġdida li ried iressaq* il-konvenut kienet dijametrikament opposta għall-eċċezzjoni fil-meritu ġà mogħtija minnu fil-bidu tal-kawża li permezz tagħha pprova iċċaħħad id-dritt ta' l-atturi qua proprjetarji fuq l-art in kwistjoni. *Meta din ma rnexxitx il-konvenut ittanta jressaq* eċċezzjoni oħra biex jipprova li hu kellu titolu ta' lokazzjoni fuq l-art. Issa skond l-artikolu 728 tal-Kap. 12 kull eċċezzjoni fil-meritu għandha tingħata fin-nota ta' eċċezzjonijiet u ebda eċċezzjoni oħra ma tista' tingħata f'waqt ieħor tal-kawża, jekk mhux wara li l-Qorti tkun sodisfatta li hemm raġunijiet validi l-għaliex ma jkunux ingħataw fin-nota ta' eċċezzjonijiet jew fir-risposta;

Fid-dokumenti esebiti mill-konvenut ma' l-imsemmi rikors, liema dokumenti jirrisalu għas-sena 1976 ċjoè ħafna snin qabel ma ġiet intavolata l-kawża odjerna, jirriżulta bl-aktar mod ċar *li kull pagament li allegatament* kien qed jingħata *għall-*okkupazzjoni ta' l-art in kwistjoni mill-konvenut, kien qed isir sabiex din l-art tintuża *for hunting purposes only.* Meta wieħed iħares lejn il-premessi taċ-ċitazzjoni mill-ewwel jinduna li l-atturi kienu qegħdin jibbażaw it-*talba* tagħhom *għall-*iżgumbrament peress li l-konvenut kien qed jokkupa l-art b'titolu prekarju għall-iskopijiet ta' kaċċa. Il-konvenut għalhekk seta' faċilment, fil-bidu tal-proċeduri, jekk hekk

deherlu, jeċċepixxi titolu validu. Iżda dan ma għamilx hekk u għażel li jittanta triq oħra u ċjoè dik tal-preskrizzjoni akkwiżittiva. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, jammonta għal aġir qarrieqi inkwantu l-konvenut, fid-data tal-preżentata tan-nota ta' eċċezzjonijiet kellu f'idejh dokumenti li jmorru kontra dak li huwa kien qed isostni fin-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu. Tali aġir ma għandux jiġi ttollerat. Kien proprju għalhekk li din il-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut kif proposta fir-rikors tas-6 ta' Ġunju, 1997;

Sussegwentement il-konvenut ippreżenta rikors ieħor sabiex jingħata permess biex ikun jista' jappella mid-digriet fuq imsemmi a tenur tas-subinċiż (3)) ta' l-artikolu 229 tal-Kap. 12. Din it-talba ġiet miċħuda b'digriet kamerali tal-25 ta' Awissu, 1997 inkwantu s-subinċiż (1) (m) ta' l-artikolu 229 tal-Kap. 12 jipprovdi li minn digrieti li ma jilqgħux it-talba għal waqfien fil-proċedimenti jista' biss isir appell wara l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza. Id-digriet li jiċħad tali talba u ċjoè għas-sospensjoni tal-proċeduri, mhux meħtieġ li jingħata bil-miftuħ iżda jista' jingħata kameralment;

Issa l-konvenut qed isostni li d-digrieti fuq imsemmija ma kinux konformi mal-provvedimenti tal-liġi. L-artikolu 229 (3) tal-Kap. 12 jitkellem dwar il-fakoltà tal-Qorti li tagħti permess speċjali li jiġi interpost appell minn digrieti li ma jaqgħux taħt il-provvedimenti tas-subinċiżi (1) u (2) ta' l-istess artikolu. Kull provvediment simili jrid jingħata bil-miftuħ fuq rikors tal-parti interessata, wara li tisma' lill-partijiet;

Kull digriet mogħti taħt il-provvedimenti ta' l-artikolu 728 kif ukoll taħt l-artikolu 229 (1) mhux meħtieġa li jingħataw bil-miftuħ u lanqas ma din il-Qorti hija tenuta tisma' lill-partijiet qabel ma tippronunzja ruħha. Għalhekk f'dan is-sens ma hemm

xejn *irritwali fid-digriet tat-23 ta' Lulju, 1997;*

Huwa iżda minnu li d-digriet mogħti fil-25 ta' Awissu, 1997 fuq ir-rikors tal-konvenut ibbażat fuq is-subinċiż 3 ta' l-artikolu 229 ma ġiex mogħti wara li ġew imħarsa in parti l-provvedimenti tas-subinċiż (5) ta' l-istess artikolu inkwantu t-talba għall-permess speċjali sabiex isir appell ġie miċħud b'digriet li ingħata "in kamera". Jiġi rrilevat li dana ingħata kameralment stante li t-talba saret matul il-ferjat. Fl-istess ħin għandu jingħad li, kuntrarjament għal dak allegat, l-istess digriet jispeċifika r-raġuni taċ-ċaħda;

In vista tal-premess, il-Qorti tilqa' t-talba tal-konvenut, tirrevoka d-digriet tagħha tal-25 ta' Awissu, 1997 u tiddiferixxi l-kawża għas-seduta ta' l-10 ta Diċembru, 1997 fid-*9.00* a.m. għat-trattazzjoni tat-talba kontentuta fir-rikors tat-28 ta' Lulju, 1997.

---